MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Numru 415/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**
**VS**
***OMMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Ommissis A* ta' *ommissis* sena, iben *Ommissis M* u *Ommissis O*, imwieled *ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*;

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'tas-Sliema, fix-xahar ta' Awissu 2004:

a) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Wkoll talli fl-istess cirkostanzi biegh jew xort'ohra traffika fil-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(e) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kif ukoll talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi ir-raza;
d) U anki talli fl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-pieni skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali (Dok.LN3 – a fol.5) sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-kaz in ezami jitratta akkuzi ta' traffikar u pussess ta' raza ta' *cannabis* minn tifel ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena. L-Ispettur Nadia Lanzon (a fol.10 et seq.) ezebiet *Nokia 3310* ta' l-imputat (Dok.LN4), certifikat tat-twelid ta' l-imputat (Dok.LN1), l-Ordni ta' l-Avukat General (Dok.LN3) u l-*mobile phone* tax-xhud Mohammed Hosni Mustafa (Dok.LN5).

Mohammed Hosni Mustafa (a fol.17 et seq.) xehed illi kien *Chemical Engineer* li wasal Malta ghal vaganza xi disat (9) ijiem. Ikkonferma li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu ghal pussess ta' drogi u dawn kienu ffinalizzati.

Huwa xehed illi hu u kuginuh Amra kienu xtraw haxixa minn kiosk tal-gelati ta' Tas-Sliema hdejn il-*Captain Morgan*, liema kiosk kellu tabella tar-Rothmans. Il-persuna li qdietu kien naqra ta' tifel bjond, illi kien jismu *ommissis* jew *ommissis* li ddentifikah bhala l-imputat. Mustafa xehed li kien qed jistaqsi man-nies minn fejn jixtri l-haxixa u persuna ta' nazzjonalita' Ingliza qaltlu bl-imputat u nfurmah li Mustafa kellu jistaqsi ghal blokka. Illi meta staqsa fil-kiosk l-ewwel darba, ma sabx l-imputat izda lil huh u ma inqediex.

Sussegwentement rega' mar il-kiosk sab lill-imputat li qallu li ma kellux fuqu dak il-hin, li ser jipprova jaqdih u tah bicca minn tieghu u Mustafa accetta u hallas zewg Liri Maltin (Lm2) ghal din id-droga.

Mustafa xehed illi huwa kiseb in-numru tal-*mobile* ta' l-imputat x'aktarx minghand hu l-imputat.

Deputat Registratur Marica Caruana (a fol.23) ezebiet process verbal (Dok.MC).

Mustafa kkonferma (a fol.38 et seq.), l-*istatement* illi huwa kien irrilaxxa (a fol.8) ta' process verbal fejn ikkonferma li mar ma' kuginuh Hal Qormi il-ghaliex kien kuginuh li ried jixtri l-eroina u fil-fatt inqeda.

A fol.40 Mustafa kkonferma illi huwa jabbuza mid-droga *cannabis* izda xejn aktar. Xehed li meta wasal Malta, kien alloggiat fil-Helena Hotel faccata tal-marina ta' l-Imsida. Mustafa xehed li huwa kien gie akkuzat u pprocessat fuq pussess ta' *cannabis* biss u mhux fuq traffikar jew assocjazzjoni ta' l-istess. Mustafa xehed li kien iltaqa ma' certu Abdulsallam hdejn l-Isptar San Luqa. Abdulsallam kien dahal fil-karozza taghhom biex jurihom fejn f'Hal

Qormi setghu jixtru l-eroina (fol.53). Abdulsallam, fil-fatt, kisbilhom nofs gramma eroina li ghaliha, Amer hallas tnax-il Lira Maltin (Lm12). Mustafa kkonferma li huwa u Amer kien gie arrestat minn xatt il-bahar faccata ta' l-Europa Hotel. Hu stqarr illi kienu l-impjegati tal-Hotel li rrapurtawhom lil Pulizija, il-ghaliex Amer kien qed jabbuza mill-Eroina fil-kamra tal-Hotel u halla bcejjec ta' *foil* u *satchets* fejn jidhru.

A fol.61, Mustafa kkonferma illi huwa kkollabora mal-Pulizija u kien ha sehem f'*controlled delivery*. Mustafa cempel li persuna li min ghandu kien xtara l-eroina fuq il-*mobile*, sar ftehim fuq prezz ta' tnax-il Lira Maltin (Lm12) u ftehemu li jiltaqghu l-Europa Hotel. Kif wasal dan: *"Kurt gie arrestat mill-Pulizija."* Mustafa kkonferma li n-numru tal-*mobile* tieghu kien 0020101712205 (ara fol.64). Mustafa xehed illi dan Kurt kien wasal f'Toyota Tercell u Mustafa kien indika lill-Membri tad-Drug Squad minn kien Kurt.

Amer Abd El Maguid Mohamed Mustafa (a fol.69 et seq.) xehed illi huwa jahdem bhala *Computer Engineer* u li kien Malta ghal btala. Huwa stqarr li kellu l-vizzju tad-droga eroina u tal-haxixa u li ghadda proceduri kriminali ghal pussess ta' drogi li gew finalizzati. Ikkonferma x-xhieda ta' Mustafa ghal dak li jirrigwarda x-xiri ta' eroina (b'intervent ta' Abdulsallam minn Kurt Buttigieg minn Hal Qormi) liema Buttigieg gie ddentifikat fil-prezenza tal-Qorti.

Amer xehed li kuginuh xtaq jixtri l-haxixa u li marru fi kiosk ta' Tas-Sliema minn fejn Mustafa xtara haxixa. Amer baqa fil-karozza u kien Mustafa li ghamel in-negozju u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jiddentifika lill-imputat (a fol.73). Amer xehed li jaf li l-kiosk kellu l-*logo* tar-Rothmans u li kien vicin 'Marks and Spencer' ta' Tas-Sliema.

A fol.75 wara li giet moqrija l-istqarrija tieghu, Amer xehed illi qabel ma kienu xtraw il-haxixa, huwa kien mar fl-istess

kiosk u xtara coka u li ta deskrizzjoni lill-Pulizija ta' zaghzugh ta' statura ta' mija u tmenin centimetru (180cm), izda hawnhekk hadd ma kien semma l-haxixa. Huwa stqarr li kuginuh Mustafa kien qallu illi l-persuna li kienet tiddijlja bil-haxixa ma kienx prezenti u li kien hemm haddiehor. A fol.99 et. seq., Spettur Lanzon xehedet illi wara illi kienu gew arrestati Mahmud Mustafa u Amer Mustafa, b'suspett ta' pussess ta' drogi u cioe haxixa u eroina, dawn iddecidew li jikkoperaw mal-Pulizija rigwardanti l-provenjenza ta' l-istess drogi. Spettur Nadia Lanzon xehed illi fil-konfront ta' l-imputat, il-kugini Mustafa kienu kkuntatjaw lill-imputat ghal dak li jirrigwarda biss ix-xiri tal-*cannabis* u li mill-informazzjoni illi kellha minghand l-istess Mahmud Mustafa, jidher illi dan kien xtara l-*cannabis* mill-kiosk tax-xatt ta' Tas-Sliema illi kellu l-*logo* tar-Rothmans fuqha u ta deskrizzjoni tat-traffikant; u cioe illi kien zaghzugh Malti, bjond, gilda bajdanija; li kien ghadu zghir u cioe bejn tmintax (18) u ghoxrin (20) sena; li kien jismu *ommissis* jew *ommissis*. Spettur Nadia Lanzon xehedet illi Mahmud Mustafa u Amer Mustafa kienu ttiehdu x-xatt ta' Tas-Sliema u ghaddew minn quddiem il-kiosk xi darbtejn, fl-ewwel okkazzjoni fil-kiosk kien hemm persuna ohra waqt illi fit-tieni okkazjoni gie ddentifikat l-imputat. Spettur Lanzon xehedet illi fuq il-*mobile* ta' l-imputat kien hemm registrat in-numru tal-*mobile* ta' Mahmud Mustafa u cioe 20101712205.

Spettur Lanzon ikkonfermat illi l-kugini Mustafa bdew is-soggorn taghhom Malta fil-Helena Hotel imbaghad marru jghixu f'Lukanda ohra f'Tas-Sliema.

Martin Bajada xehed (a fol.105 et seq.) u ezebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok.MB) u nforma lil Qorti illi mir-ricerki illi ghamel fuq il-*mobile* ta' l-imputat jirrizulta li fid-dsatax (19) ta' Awwissu, 2004, l-imputat ircieva *SMS* li kienet taqra "*You have a voice message 9.15pm"* minghand in-numru ta' Mahmud Mustafa cioe 20101712205.

PC 396 Saviour Baldacchino (a fol.121) xehed li huma rcevew informazzjoni li zewg (2) persuna ta' Nazzjonalita' Egizzjana kienu qeghdin jabbuzaw jew ibieghu xi drogi u ghaldaqstant accedew ghal Europa Hotel, Tower Road, Sliema, sabu illi ghalkemm dawn kienu qeghdin jallogjaw f'din il-lukanda, ma kienux qeghdin fil-kamra taghhom. Illi fil-fatt dawn instabu fil-bajja ta' quddiem il-lukanda u gew arrestati u ttiehdu l-Europa Hotel fil-kmamar taghhom fejn instabu diversi oggetti illi ghandhom x'jaqsmu ghal ma' l-abbuz ta' droga, cioe forma ta' sigarett li kellu xi frak li wara rrizulta li kien *cannabis*. Dawn kienu kkolaboraw mal-Pulizija u li kienu semmew lil persuna illi minghandu kienu xtraw xi droga u li dan il-persuna kellu l-karozza RAN 012 tal-marka Corsa bajda illi wara rrizulta li kien Kurt Buttigieg. PC 396 Saviour Baldacchino ma deherlux illi dawn l-Egizzjani kienu semmew xi persuna ohra. PC 396 Baldacchino xehed li fil-fatt kienet saret *control delivery* bil-kooperazzjoni ta' l-Egizzjani. Il-*joint* u l-*foil* mahruq, misjub fil-kamra ta' l-Egizzjani fl-Europa Hotel, kienu dak kollu illi l-Pulizija sabu f'dan il-kaz.

Spettur Nadia Lanzon ezebiet l-istqarrija ta' *Ommissis A* (Dok.LNZ) illi fiha l-imputat ikkonferma illi huwa jahdem go kiosk ta' missieru fix-xatt ta' Tas-Sliema, faccata s-Sliema Hotel u li fuq dan il-kiosk hemm *logo* tar-Rothmans miktub fuqu. L-imputat innega illi kellu l-vizzju tad-droga jew li qatt ittraffika d-droga. Huwa kkonferma illi kellu *mobile phone* Nokia 3310 bin-numru 79330343. Ikkonferma illi kellu messagg minghand certu Colin fuq il-*mobile* tieghu u li dan kien klijent li jigi jixrob il-gabbana. Rigward il-messagg fl-"*outgoing section*" tal-*mobile* tieghu li jidher fit-tielet (3) faccata ta' l-istqarrija tieghu, l-imputat semplicement jghid illi dik kienet poezija u li ma kien baghatielu hadd. Rigward stampa ta' werqa ta' *cannabis* u l-kelma *'enjoy'*, li kien hemm fil-"*picture messages*" ta' dan il-*mobile*, l-imputat jghid illi din kienet hemmhekk meta xtara l-*mobile* li kien mixtri gdid fjamant. Sussegwentment l-imputat ma eskludiex li din l-istampa baghatielu certu Julian. Jinnega illi biegh haxixa jew *cannabis* lil kugini Mustafa bi prezz ta' zewg Liri Maltin (Lm2). Rigward ta' messagg urgenti minn

certu Leo - “Ha taqla Lira”, l-imputat jikkonferma illi Leo kien huh u li ma kienx jaf x’ried ifisser b’dan il-messagg.

PC 246 Vincent Cesare kkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat.

Espert Martin Bajada ezebixxa kopja tar-relazzjoni li giet ezebita minnu fil-proceduri Pulizija vs. Kurt Buttigieg.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

*Ommissis M*, missier l-imputat, xehed illi huwa kellu fabbrika ta’ l-ghamara, kellu negozju fil-*catering* u li fit-2004 l-imputat kien jahdem fil-kiosk fix-xatt ta’ Tas-Sliema. Wara li bdew dawn il-proceduri, *Ommissis M* xehed illi huwa kien itrasferixxa lil ibnu *Ommissis A* ghal hidma fil-fabrika ta’ l-injam. Huwa xehed illi meta bdew dawn il-proceduri l-imputat kellu biss *ommissis* (*ommissis*)-il sena. Huwa qal ukoll illi llum il-gurnata l-imputat kellu *partner*.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi jirrizulta b’mod abbastanza car illi l-imputat *Ommissis A*, fix-xahar ta’ Awwissu 2004, waqt illi kien qed jahdem fil-kiosk tax-xatt ta’ Tas-Sliema, faccata s-Sliema Hotel, kien biegh bicca raza tal-*cannabis* zghira lil Mahmud u Amer Mustafa ghal prezz ta’ zewg Liri Maltin (Lm2). Dan jirrizulta bl-aktar mod car mix-xhieda ta’ l-istess Mahmud u Amer, quddiem din il-Qorti, u fl-inkjesta Magisterjali u x-xhieda taghhom hija kkonfermata mill-kuntatt illi jirrizulta fil-*mobile phone* Nokia 3310 ta’ l-imputat, fejn hemm registrat in-numru tat-*telephone* bis-*SIM Card* Egizzjana ta’ Mahmud Mustafa. Dawn il-fatturi huma wkoll affermati mix-xhieda ta’ l-Ispettur Nadia Lanzon. B’mod partikolari, din ix-xhieda giet xjentifikament estratta fir-relazzjoni u xhieda ta’ l-Espert nominat mill-Qorti, Martin Bajada. Ghalkemm jirrizultaw xi indizji jew suspetti li *Ommissis A* seta kien qed jitraffika d-drogi lil

persuni ohra (kif indikati fil-mistoqsiji li sarulu fl-istqarrija tieghu lil Pulizija), il-Prosekuzzjoni naqset illi tiprova dan l-istat ta' fatt.

Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, rigwardanti t-traffikar ta' bicca zghira ta' raza tal-*cannabis* mill-imputat lil Mahmud Mustafa ghal prezz ta' zewg Liri Maltin (Lm2) ma gietx imxejna mid-Difiza b'xi xhieda ulterjuri, ghajr dik ta' missier l-imputat li semplicement xehed li kien qieghed isegwi lill-imputat mil-qrib hafna, biddillu l-generu tax-xoghol tieghu halli jevitalu t-tentazzjonijiet.

Il-Qorti taghraf illi l-kaz in ezami jitratta kaz ta' traffikar li huwa ta' entita' zghira, bi gwadann ta' zewg Liri Maltin (Lm2) minn tifel ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena. Illi kaz simili kommess minn **adult** seta legalment gie kundannat il-piena minima ta' sitt (6) xhur prigunerija, apparti l-multa. Fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha quddiemha tifel li kellu *ommissis* (*ommissis*)-il sena meta kkommetta dan ir-reat u ghaldaqstant jibbenefika mit-tnaqqis tal-piena ta' bejn wiehed jew zewgt igradi skond il-Ligi ai termini ta' l-Artikoli 37 u 31 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. **Din il-Qorti taghraf illi jkun ghaqli illi l-piena titnaqqas bi grad wiehed.**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat ***Ommissis A***, hati skond l-akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena ta' l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4) akkuza fit-tieni (2) akkuza li hija dik principali, cioe traffikar tal-pjanta *cannabis* u wara li rat l-Artikoli 8(e)(d)(b)(a), 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 37 u 31(1)(b)(xiii)(xiv) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal xaharejn prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' erba' mija hamsa u sittin Euro punt sebgha u tmenin centezmu (€465.87) li ghandhom jithallsu b'rati mensili fi zmien sitt (6) xhur.**

Il-Qorti, fl-ghoti ta' piena, hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat kellu fedina penali nadifa, l-eta' tenera tieghu u l-

fatti spece tal-kaz illi juri cirkustanzi ta’ traffikar de minimis, **izda jibqa’ dejjem kaz ta’ traffikar ta’ droga.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------